30 APR 1990

# LEĦEN IL-MALTI

maħruġ

mill-GĦAQDA TAL-MALTI (UNIVERSITÀ)

IS-SENA LIX 1990 GĦADD 24

# LEĦEN IL-MALTI

FRAR 1990 GĦADD 24


## L-EDITORJAL

## IL-POST NATURALI TAL-MALTI FL-UNIVERSITÀ

Ebda liġi ma tista' twassal lill-Maltin biex jifhmu kemm il-lingwa tagħhom hi sabiħa u meħtieġa. Iridu jkunu huma li jagħmlu bħall-bqija tad-dinja u jgħożżu l-wirt lingwistiku tagħhom. Iridu jkunu l-iskejjel, iżda fuq kollox l-Università, li għandha d-dmir li turi t-triq bħal universitajiet oħrajn.

Fl-1964 il-Malti sar ilsien uffiċjali ta' l-Università, iżda seta' ma sar xejn għaliex l-ilsien tagħna baqa' ma ħax il-post li hu tiegħu. Kollox baqa' jsir bl-Ingliż, saħansitra anki l-laqgħat tal-bordijiet tal-Fakultajiet, tas-Senat u tal-Kunsill. Hekk ukoll iċ-ċerimonji uffiċjali, il-korrispondenza u l-pubblikazzjonijiet. Jekk irridu nfettqu, ngħidu li dan imur kontra l-liġi. Jekk irridu nitkellmu ta' żgħażagħ Maltin, nistqarru li aħna m'aħna xejn inqas minn ħaddieħor. Kulma qegħdin nitolbu hu li l-lingwa tagħna tkun irrispettata – u magħha nkunu rispettati aħna.

Mhux aħna biss il-bravi li nafu bl-Ingliż fid-dinja, iżda aħna biss li qegħdin indaħħlu l-Ingliż fejn għandu jkun hemm il-lingwa nativa tagħna. Din l-imġiba ta' l-amministrazzjoni rawmet id-drawwa li għadd ta' studenti jitkellmu bl-Ingliż bħallikieku min jitkellem bl-Ingliż huwa aħjar minn ħaddieħor. Forsi dan huwa każ ta' kumpless ta' inferjorità li fl-Università għandu jitneħħa u mhux jiġi inkuraġġit. L-Università għandha tkun l-aqwa post fejn l-istudenti Maltin irabbu fiduċja sħiħa fihom infushom.

Kull student għandu l-jedd li jitkellem bil-lingwa tiegħu matul il-lezzjoni bla ma jsib lil min jiksru. Dan hu jedd uman li ħadd m'għandu jċedih u hi ħasra li fl-Università tagħna għadna f'din il-qagħda antikwata.

Hemm ħafna xi ngħidu dwar il-lingwa u l-għażla tat-testi għall-istudju. Ngħidu aħna, fil-każ ta' testi miktuba b'ilsna li ma nafuhomx, għaliex tingħażel verżjoni Ingliża u mhux Maltija? Traduzzjonijiet bil-Malti jeżistu, u fejn ma hemmx, jistgħu jsiru. Imma, Alla jbierek, anqas il-Bibbja bil-Malti m'għadha ġiet aċċettata f'ċerti skejjel. U l-Università tagħti l-eżempju!

Aħna nsostnu li l-uniku mod kif inkunu bħal ħaddieħor hu li nġibu ruħna ta' Maltin normali. Nistgħu biss inkunu ċittadini tad-dinja billi nkunu dak li għandna nkunu. Jekk ma nirrispettawx lilna nfusna, m'għandniex nistennew li ħaddieħor jirrispettana.

6.12.89

# Mewġ

*Simone Azzopardi*

Kull darba li nżilna sax-xatt
il-mewġ ta' ħsebijietna
tfarrak mifluġ
ma' xifer il-blat.

U għajjiena rqadna
mgħottija bid-dlam
sakemm kixifna
il-lampier tas-sajjied.

U malli l-imqadef
tbillew fl-ilma
reġa' tħarrek
il-mewġ ta' ħsebijietna.

# Illejla, jekk trid ...

*Adrian Grima*

Illejla ninżlu fejn il-baħar,
jekk trid,
u ngħoddu l-kwiekeb.

Illejla,
jekk il-fwieħa tal-baħar issakkarna,
nitilgħu max-xefaq
u noqogħdu nixxiegħlu mal-mewġ.

Illejla,
jekk il-qamar jinkixef biżżejjed,
nistgħu nilagħbu bil-kuluri f'wiċċ l-ilma,
u niġbruhom wieħed wieħed,
u nlaħalħuhom,
u nerġgħu nitilquhom f'salt.

U jekk ma jkunx sar il-ħin,
u x-xemx ma tkunx tielgħa faċċata,
tista' tmidd rasek fuqi jekk trid,
u nżommok f'idejja,
u xagħrek inxarrbu fuq sidri,
u nbandlek fuq l-ilma
jekk trid.

**LEĦEN IL-MALTI**
**FRAR 1990**
**GĦADD 24**

maħruġ mill-Għaqda
tal-Malti (Università)
fi ħdan id-Dipartiment
tal-Malti

**BORD EDITORJALI**
*Editriċi*
Anna Maria Abela

*Assistenti*
Pat Gatt
Adrian Grima
Marco Galea
Simone Azzopardi
Prof. Oliver Friggieri

**Indirizz Editorjali:**
"LEĦEN IL-MALTI"
Id-Dipartiment tal-Malti
Il-Fakultà ta' l-Arti
L-Università
Tal-Qroqq

**LEĦEN IL-MALTI**
seta' jiġi pubblikat u
fl-istess ħin offrut lill-
pubbliku bi prezz baxx
bis-saħħa ta' l-għajnuna
finanzjarja mill-

**Mid-Med Bank**

Issettjat u mitbugħ mill-
Media Centre Print
Blata-l-Bajda

# Għanja Maltija għal-lum

Manwel Mifsud

Il-ħsieb ta' dan l-artiklu huwa li fil-qosor jixħet ftit tad-dawl fuq l-istorja u l-iżviluppi ewlenija tal-għanja Maltija u li jissuġġerixxi pjan nazzjonali li bih tista' tiżviluppa 'l quddiem. F'pajjiżna din it-taqsima tal-letteratura għadha ma rċevietx l-attenzjoni li tixirqilha[1], x'aktarx għax bosta jgħaġġlu jgħodduha bħala forma artistika inferjuri, jekk mhux ukoll superfiċjali. Għażilt li nikteb dwarha l-ewwelnett għax nemmen fil-valur artistiku tal-għanja[2] li, bħala għamla ta' letteratura, għandha l-funzjoni li tikkomunika mal-kotra u tgħinha tgħaddi mill-proċess li jwassalha għall-għarfien sħiħ tagħha nfisha bħala kollettività; il-popli li jirrispettaw lilhom infushom dan għarfuh u l-għanja tagħhom jibżgħu għaliha, ixerrduha u jistudjawha. Nemmen ukoll fil-potenzjal tal-għanja Maltija, li għadu se jibda jinkixef.

Fil-ħajja mgħaġġla tal-lum, il-mezzi tal-komunikazzjoni bis-smigħ qegħdin joffru alternattiva u kompetizzjoni għall-qari. Għal bosta nisa tad-dar u ħaddiema ta' l-id, ngħidu aħna, l-għanja li jisimgħu mir-radju, tiswa x'tiswa, aktarx li hija l-forma waħdanija ta' l-arti tal-kelma li jiġu f'kuntatt magħha kuljum waqt ix-xogħol. Dan igħodd iktar u iktar fil-każ tal-poplu tagħna li, kif nafu, ma tantx iħobb jaqra. Terġa', il-mużika qed tinvadi dejjem iktar is-sigħat liberi tal-ġenerazzjoni żagħżugħa. Din is-sitwazzjoni ġdida għandha tissuġġerixxi, anzi tħajjar, lill-artist u 'l-edukatur Malti biex jaġġornaw il-medju tagħhom u jduru wkoll għal mezzi bħall-għanja, biex iwasslu l-messaġġ tagħhom lil għadd dejjem ikbar ta' semmiegħa.

Qabelxejn, x'qiegħed nifhem b'"għanja Maltija"? Għal dan l-artiklu se nissuġ-ġerixxi twessigħ u mbagħad tidjiq ta' dak li wieħed soltu jifhem b'dawn il-kelmtejn.

Fis-sens dejjaq u tekniku tagħha, il-kelma "għana" tindika l-għana tradizzjonali kif nafuh akkumpanjat mill-kitarri, per eżempju fil-konkors ta' nhar l-Imnarja fil-Buskett. F'dan l-artiklu l-għana hu mifhum f'sens usa' u jiġbor fih kull għamla ta' lirika qasira mżewġa mal-mużika li f'sens artistiku tagħmel kumment rilevanti għas-soċjetà li qed tismagħha; f'dan is-sens l-"għana" jista' jinkorpora għamliet ta' kompożizzjoni oħra iktar reċenti li soltu nsibuhom bħala "kanzunetta" jew "song".

Mill-banda l-oħra, jeħtieġli nagħmel għażla bejn id-diversi tipi ta' kompożizzjonijiet hekk imsejħa "Maltin" u ndejjaq il-wisa' tagħhom. Għalija, għanja ma ssirx Maltija għax min kitibha nzerta Malti u mhux ta' nazzjonalità oħra. Lanqas ma tkun Maltija sempliċiment għax inkitbet bil-Malti: din hija biss il-libsa u mhux ir-ruħ tal-kompożizzjoni. L-għanja Maltija hija dik li għandha tema tal-lirika u idjoma mużikali li l-punt tat-tluq u l-punt tal-wasla tagħhom jinsabu fis-sitwazzjoni Maltija. Naf li b'din il-limitazzjoni qed naqta' barra ħafna mill-prodott ta' kanzunetti bil-Malti li nisimgħu, fosthom il-biċċa l-kbira tal-kanzunetti "tal-festivals"[3], ukoll jekk dan ikun il-Festival Internazzjonali tal-Kanzunetta Maltija. Fil-fehma tiegħi dawn m'humiex għanjiet Maltin ħlief għall-fatt li nzertaw inkitbu bil-Malti flok

b'lingwa oħra, u jistgħu u fil-fatt jinqalbu u jitkantaw bi lsien ieħor; imma fil-lirika u l-mużika tagħhom m'hemm xejn li jorbothom mal-poplu Malti u s-sitwazzjoni tiegħu. U għall-ħajja Maltija, bihom u mingħajrhom xorta.

L-għanja Maltija hija dik li tinterpreta l-ħajja ta' niesna f'xi wieħed mill-aspetti tagħha: il-problemi, il-gosti, ix-xewqat u l-beżgħat, il-mentalità, id-drawwiet tagħna; fi kliem qasir, l-ambjent soċjo-kulturali tal-poplu Malti. Hija xitla li l-għeruq tagħha trabbew fil-ħamrija Maltija u redgħu minnha: għalhekk, anke meta titkellem fuq temi ġenerali (bħall-imħabba u n-natura) tkun qed tinterpretahom mit-tiġrib ta' Malti u b'sensibilità u idjoma Maltija. F'dan is-sens il-qofol ta' l-argument tagħha huwa dejjem il-poplu Malti issa u hawnhekk u, direttament jew indirettament, tgħaddi kumment konxju u kritiku fuq il-mod li bih ngħixu. Hija djalogu konfidenzjali bejn il-kompożitur/awtur u s-semmiegħ bħala Maltin: ħadd ma jista' joħloqha ħlief l-esperjenza ta' Malti u ħadd ma jista' jifhimha b'mod tassew globali u intimu ħlief l-esperjenza ta' Malti ieħor. Fiha l-lingwa Maltija minn sempliċi għodda ta' artiġjanat issir strument ta' l-arti, u l-kelma taqa' fil-fond ta' ruħ is-semmiegħ Malti u tqajjem ċrieki u ċrieki ta' tifsiriet u tqanqiliet moħbija. Din it-tip ta' għanja, ħajja u ġenwina, insibuha fil-popli li huma konxji minnhom infushom, li għarfu l-identità nazzjonali tagħhom. Hija għandha sehem importanti fil-formazzjoni u l-bdil ta' l-ideat fost iċ-ċittadini u fil-koxjentizzazzjoni tagħhom għal ideat ġodda li jilliberawhom, tant li mhux l-ewwel darba li saret għodda u simbolu tal-poter demokratiku f'idejn il-poplu f'mumenti ta' kriżi.[4] F'Malta, madankollu, fejn bosta jgħoddu l-arti in ġenerali bħala kapriċċ u mezz ta' aljenazzjoni mir-realtà tal-ħajja flok mera u interpretazzjoni tagħha, l-għanja għadha titqies bħala ħaġa frivola, motivett ħelu li fl-għaxija jserrħek u jnessik it-toqol tal-ġurnata, u jimla l-ispazji twal ta' silenzju intern.

X'inhu li żamm l-għanja Maltija hekk lura, li qisna "poplu bla vuċi"?[5] X'jista' jsir biex ngħinuha titrawwem?

**Qafas storiku**

L-istorja tal-għanja tagħna tintiseġ fuq l-isfond tad-dikotomija kulturali li kienet taqsam lis-soċjetà Maltija matul is-sekli.[6] Fuq naħa l-klassi ż-żgħira "ta' kultura għolja", professjonalment iktar avvanzata, bilingwi, id f'id mal-kultura tal-ħakkiem barrani – fuq l-oħra l-kotra "ta' kultura baxxa", nies ta' xogħol umli, ifqar u jafu biss bil-Malti. Ta' l-ewwel issegwi l-mixja ta' l-ideat u żviluppi Ewropej, tat-tieni kulturalment iżolata ħlief għall-kuntatti ma' ta' l-ewwel. Waqt li l-mudelli mużikali tal-kultura l-għolja kienu jitfittxew fil-movimenti kbar ta' l-Ewropa, l-idjoma mużikali tal-maġġoranza tal-Maltin jidher li kienet ristretta għal ftit varjetajiet tal-għana (spirtu pront, għana tal-"fatt", għana la Bormliża) u xi melodiji strumentali aktarx impurtati mill-kontinent.[7] Is-sempliċità u l-limitazzjonijiet kbar tas-sottokultura Maltija toħroġ mill-qari tat-testi tal-għana tradizzjonali li, għalkemm fihom idjoma ta' safa u spontanjetà kbira, jirriflettu biss kuntatti interpersonali fuq il-livell tas-sentiment.[8]

Ma swewx wisq l-isforzi tal-ftit fost il-Maltin kolti li interessaw ruħhom fil-kultura tal-poplu u newlulu idhom biex igħinuh jaqsam il-baħar li kien jifridhom.[9] L-għana jidher li baqa' l-forma poetika ewlenija tas-sottokultura mill-inqas sal-bidu tas-seklu tagħna.[10]

Iżda l-mewġa tal-progress laħqet xtutna wkoll, u niesna bdew jiltaqgħu dejjem iktar ma' forom mużikali Ewropej. Il-mezzi tal-komunikazzjoni ħaffew u għaġġlu mhux ftit dan il-proċess li għall-ewwel darba hedded il-primat tal-għana. F'dan il-perijodu huma interessanti ħafna l-isforzi ta' wħud mill-aktar għannejja-kantawturi sensittivi biex jaġġornaw l-għanja Maltija tradizzjonali billi jżewġuha ma' elementi stilistiċi tal-forom mużikali barranin.[11] Iżda l-bumbardament tal-mużika barranija baqa' jhedded li joħnoq il-leħen nattiv tal-Maltin. Bit-tixrid tat-tagħlim u l-forza tal-medja, il-kotra tal-Maltin, b'alternattivi ġodda quddiemhom, bdew iħarsu dejjem iktar lejn mudelli mużikali barranin: il-felli tas-sottokultura beda kulma jmur jiċkien u jillimita ruħu għall-inqas saff edukat tal-pajjiż. Quddiem il-varjetà ta' ritmi u melodiji barranin, l-għana tradizzjonali, mużikalment limitat minn qaddisu,[12] għall-biċċa l-kbira tal-Maltin ma damx ma sar idjoma statika u simbolu ta' tip ta' għajxien antikwat. Il-livell edukattiv baxx ta' dawk li kienu jħaddmuh kompla faqqru u ressqu lejn il-vulgarità.

Kien hawnhekk li xi ħbieb tal-kultura Maltija, konxji mit-theddida li dan il-wirt kulturali jintilef, ħadmu bis-sħiħ biex jerġgħu jipproponuh lis-soċjetà bħala divertiment tradizzjonali.[13] Fil-fehma tiegħi, il-kotra tal-Maltin aċċettawh bħala folklor (fis-sens ta' wirt li tlifnieh) imma fih ma għarfux medju li bih qatt setgħu jesprimu l-komplessità ta' l-identità tagħhom. Il-kundanna tal-għana tradizzjonali kienet inkitbet, u l-għana baqa' jgħix ħajja emarġinata f'saff dejjaq tas-soċjetà li ma jgawdix il-prestiġju tal-kotra.[14]

Iktar fina kienet l-attitudni u iktar profond l-effett ta' min, bħal Charles Camilleri, irnexxielu mhux biss jiġbor it-tradizzjoni u jgħaddiha lill-Maltin ta' żmienu b'idjoma aġġornata, imma wkoll jislet minnha l-elementi essenzjali u l-atmosfera ġenerali Maltija u jdewwibhom fil-kompożizzjonijiet oriġinali tiegħu[15] – xhieda ċara li t-tiġdid tat-tradizzjoni jista' jseħħ, kif nemmen li għandu jsir, bl-integrazzjoni tagħha f'kuntest attwali.

Min-naħa l-oħra, taħt l-influwenza diretta tal-materjal diskografiku barrani, matul il-ħamsinijiet u s-sittinijiet bdew jidhru għadd ta' verżjonijiet Maltin ta' kanzunetti, l-iktar Taljani,[16] għalkemm diġà minn żmien twil qabel xi kanzunetti u makkjetti bil-Malti kienu bdew jidhru fil-ġurnali Maltin u kienu jiddeffsu fi drammi umoristiċi u "pochades".[17] Sadattant il-gżira bdiet għaddejja minn ewforja ta' festivals parrokkjali u programmi bir-radju (u mbagħad bit-televiżjoni) b'kantanti Maltin jimitaw lil dawk barranin jew ikantaw kanzunetti "tal-festivals" imma dejjem b'kisra jew intonazzjoni barranija.

Fl-arja innovattiva tas-sittinijiet, madankollu, il-vojt li ħalla warajh l-għana beda jinħass, u x-xewqa ta' għanja tassew Maltija kebbset diversi xrariet li kellhom ikunu t-tnissil ta' dik li, fil-fehma tiegħi, għandha tkun l-għanja Maltija tal-lum. Twaqqaf

l-ewwel Festival Nazzjonali tal-Kanzunetta Maltija,[18] li għall-inqasipprovda platform anke lil min xtaq jikkomponi bil-Malti. Xi kittieba letterarji b'ispirazzjoni Romantika u tendenzi popolareġġjanti[19] bdew jiktbu għanjiet Maltin ġodda, x'aktarx fuq l-istil tal-kanzunetta Taljana imma b'tema Maltija. Is-suċċess immedjat ta' dan ix-xogħol wera biċ-ċar l-għatx tas-soċjetà Maltija għal għanja li tirrappreżentaha tassew. Iżda t-temi l-aktar komuni kienu l-patrijottiżmu nostalġiku, il-folklor u l-umoriżmu – temi li qajla kienu intonati ma' l-arja kożmopolitana u bierda tas-sittinijiet. Għalija hija ħaġa kurjuża kif f'dan iż-żmien il-moviment żagħżugħ tal-poeti tas-sittinijiet, li ħareġ bi programm ta' letteratura "tat-triq", ma ħatafx l-okkażjoni li jsawwar għanja Maltija iktar realistika u attwali. Imma l-mudelli ta' dawn ukoll kienu barranin, għall-inqas għall-ewwel, u forsi barranin wisq kif jixhed l-insuċċess tagħhom biex joħolqu komunikattiva diretta mal-poplu.

Naħseb li kien fis-snin sebgħin li l-għanja Maltija reġgħet bdiet issib tematika u idjoma li jagħmluha medju ta' espressjoni addattat għall-kotra tal-poplu Malti tal-lum u li bihom laħqet l-aħjar mumenti tagħha s'issa. Kien l-ispirtu għarriexi, nebbiexi tas-sittinijiet, imma msarraf f'idjoma li tintlaħaq mill-poplu kollu, għax mibnija b'elementi mużikali u lingwistiċi attwali u sempliċi iżda li joffru l-kontinwità mixtieqa ma' l-imgħoddi – inbid ġdid fi btieti qodma. Il-moviment tal-"folk-song" (u tal-"folk-art-song") Amerikana u Ingliża tas-sittinijiet[20] offra l-forom stilistiċi u għall-bidu anke tematiċi.[21] Iżda t-tematika bdiet issir dejjem iktar attwali, realistika u Maltija, u żżewqet b'suġġetti ġodda għalkollox, bħall-protesta, il-kritika soċjali, il-kisba ta' l-identità, l-ambjent u x-xogħol bħala fattur soċjali.[22] Il-kelma saret il-qofol tal-kompożizzjoni u ssuġġeriet melodiji iktar Maltin sewwasew għax joħorġu mill-kisra naturali ta' lsienna. Kulfejn instemgħet, il-poplu Malti ħass li din hi l-għanja tiegħu, u semagħha bil-ħerqa u bil-parteċipazzjoni. Fix-Xandir għal żmien ingħatat prominenza kbira. Twaqqaf il-Kontest tal-Folk-song Maltija.[23] Il-kitarra, minn dejjem strument tal-poplu, reġgħet saret popolari f'idejn gruppi ta' żgħażagħ biex ikantaw għanjiet u innijiet reliġjużi bil-Malti.[24] Kellna l-ewwel żvilupp ta' "għanja msensla" ("song-cycle") bi lsienna.[25] Il-frażi qadima li "l-Malti mhux tajjeb għall-kant" kienet tgiddbet.

B'xorti ħażina, fit-tmeninijiet dan il-ferment kollu batta sewwa, anke minħabba l-arja politika tqila li, barra li tarrxet ħafna mill-kreattività, ħonqot bosta awturi li m'għarfux isarrfu l-mument politiku f'esperjenza li tista' tgħanniha; u baqgħu taħtha. Żdiedu l-festivals ta' kanzunetti politiċi, li ġeneralment ma stimulawx ħlief kanzunetti-reklam foqra fl-ispirazzjoni u neqsin mir-realiżmu u l-bilanċ. Żviluppat ukoll linja oħra ta' kanzunetta folkloristika, kummerċjali u statika, għall-konsum tat-turisti fil-lokali tad-divertiment u ta' l-emigranti Maltin li x'aktarx jixtiequ jkomplu jisimgħu fuq Malta idillika, fossilizzata fejn ħallewha huma.[26] Madankollu, xi ħjiel ta' kontinwità mal-għanja l-ġdida tas-sebgħinijiet jinstab ukoll.[27]

Mill-banda l-oħra, il-Malti f'dawn l-aħħar snin tħaddem b'ħila letterarja f'ħafna forom mużikali ġodda u itwal. Smajna l-Malti fl-opra, fl-oratorju, fil-funzjoni liturġika fuq l-għana tradizzjonali, kif ukoll fil-kantata:[28] esperimenti interessanti u

xierqa għall-ilsien nazzjonali, iżda li, barra li bħala ġeneri mużikali huma differenti mill-għanja fis-sens tagħna, għar-raġunijiet ta' differenzi kulturali li ssemmew hawn fuq qajla jridu jew jistgħu jsiru tassew popolari mal-massa Maltija. Lejn dan joqorbu iktar l-għadd ġmielu ta' drammi mużikali u "rock operas" li ttellgħu fl-aħħar snin[29] u li fihom il-Malti ġieli kellu jħabbat wiċċu ma' sfida ġdida, li jintiseġ f'kompożizzjonijiet moderni li mhux dejjem jagħtu prominenza lit-test. Fuq is-siwi u l-kontribut ta' dawn l-għamliet x'aktarx ġodda, jidher li għadu kmieni biex titkellem.

**Proġett għal li ġej**

Issa li wasalna fuq l-għatba tad-disgħinijiet, jidher li lħaqna punt ta' maturità nazzjonali fejn se nibdew niddiskutu bis-serjetà t-tfassil ta' pjan għall-iżvilupp u l-ħarsien tal-lingwa Maltija.[30] U jeħtieġ li nagħrfu l-importanza tat-trawwim u t-tixrid tal-għanja Maltija bħala l-vuċi ġenwina tal-poplu. U mhux iktar l-għanja bħala spettaklu jlellex fejn il-kotra tintefa' lura u ċċapċap. L-għanja trid issir fattur tal-massa, il-massa Maltija li wara tant sekli siekta jew imsikkta terġa' tikseb il-vuċi tagħha u tgħanni l-esperjenza tal-ħajja kif qed tgħixha hi, issa u hawnhekk. U jkun leħen ieħor fil-kor kbir tal-ġnus tad-dinja.

'Il barra minn kull retorika, dan ifisser li l-istat irid huwa stess jikkoxjentizza lill-poplu billi jħajjar l-istudju u l-iżvilupp tal-għanja Maltija f'sens tassew nazzjonali u, bħal xitla tarja, jilqgħalha mill-irjieħ tal-kompetizzjoni esaġerata tal-materjal diskografiku barrani li jheddilha l-għejxien. Biex il-ħaġa ssir bis-serjetà għandu jitfassal programm sħiħ ta' azzjoni li jħares fil-bogħod u li, fost ħwejjeġ oħra, ikun jinkludi dawn li ġejjin.

(a) **Ċentru għall-Istudju tal-Għanja Maltija** fejn l-awturi/kompożituri jistgħu jwessgħu l-orizzonti u jkabbru t-tagħrif b'taħditiet, seminars u gruppi ta' studju[31]; l-esperjenza ta' mużikologi Maltin u barranin tkun ta' għajnuna kbira; korsijiet prattiċi ta' taħriġ fil-kitba u l-kompożizzjoni tal-għanja.
Min-naħa inqas formali, fil-lokal l-awturi/kompożituri jiltaqgħu, jibdlu l-ideat, jippreżentaw ix-xogħol tagħhom u jiddiskutuh, barra mill-atmosfera kompetittiva tal-festivals fejn iltaqgħu s'issa.

(b) **Kompilazzjoni ta' Storja tal-Għanja Maltija**[32] (b'diskografija kompluta) biex nagħrfu aħjar ix-xejriet u l-influwenzi li kellha s'issa u d-direzzjonijiet li nistgħu nfasslulha għall-ġejjieni. Il-ġbir tad-diskografija jiswa wkoll biex jinġabru x-xogħlijiet rekordjati tal-pijunieri tal-għanja Maltija qabel ma jintilfu.

(ċ) **Fl-edukazzjoni**, l-għanja Maltija trid tidħol sa mit-tfulija bħala parti mis-sillabu tal-Mużika u, bħala letteratura popolari attwali, anke f'dak tal-Malti. Il-kitba ta' għanjiet addattati għat-tagħlim jagħti skop ġdid lill-awturi/kompożituri. B'hekk l-għanja tagħna titrawwem magħna sa minn ċkunitna.

(d) **Fix-Xandir,** il-vuċi ewlenija tal-poplu, għandu jsir sforz serju biex il-gosti tas-semmiegħa jogħlew u jitwessgħu billi, barra l-famużi "diski tal-mument", jingħata bi dritt ħin xieraq biex tinstema' u tiġi kkummentata l-għanja Maltija, kif ukoll għana ieħor barrani li jagħmel is-sens u li minnu hawn ħafna.

(e) **Konkors Nazzjonali u għadd ta' Kunċerti mhux-kompetittivi** li joffru plat-form lill-għanja Maltija biex il-poplu jkun jista' jgawdiha mill-veru ("live").

(f) **Għajnuna Finanzjarja** mill-Istat u minn "sponsors" privati biex materjal tajjeb (li minnu hawn ħafna) ikun jista' jiġi ppubblikat.

(ġ) **Protezzjoni xierqa** għad-drittijiet ta' l-awturi/kompożituri Maltin.

(g) **Iż-żjarat ta' kantanti tal-għanja popolari** mid-dinja jitkomplew, għax dawn juru fil-prattika x'jista' jsir u jwessgħu l-orizzonti mużikali tal-poplu.

Jidhirli li bi programm bħal dan, il-qasam tal-Għanja Maltija, li s'issa tħalla jiżviluppa kif ġie ġie, jibda jgawdi huwa wkoll minn pjan sħiħ ta' żvilupp nazzjonali u jintegra ruħu ma' sforzi oħra favur l-edukazzjoni tal-poplu għall-identità. U ma jkunx qasam ieħor fejn l-ilsien nazzjonali tagħna jċedi postu bla bżonn lill-barrani.

* * *

## NOTI

1. L-għana u t-taqbil tradizzjonali tal-poplu nkiteb mhux ħażin dwarhom, kemm mil-lat folkloristiku tagħhom (ara x-xogħlijiet ta' H. Stumme, B. Ilg-Koessler u Ġ. Cassar Pullicino) kif ukoll bħala l-ewwel pass fil-mixja tal-letteratura tagħna (f'xi xogħlijiet ta' Ġ. Aquilina u O. Friggieri). Imma l-iżvilupp tal-għanja Maltija li ġie wara u l-għamliet iktar reċenti ta' kant popolari s'issa ma ġewx ittrattati ħlief f'artikli sporadiċi u qosra, bosta minnhom medjokri, imxerrdin fil-ġurnali fil-paġni tal-varjetà. Dnub li fost l-interessati teżisti attitudni puristika lejn l-għanja popolari, li hija lesta tagħraf bħala espressjoni popolari lill-għanja tradizzjonali fil-forom kanoniċi tagħha biss: kull tibdil jew żvilupp li ġie wara allura jitqies bħala taħsir ta' l-awtentiċità tal-għana u mhux bħala espressjoni ta' sitwazzjoni soċjali li qed tinbidel. Din l-attitudni, waqt li minn naħa tgħolli l-valuri komunikattivi tal-għana tradizzjonali, min-naħa l-oħra titmeżmeż minn kull tentattiv għal għanja Maltija moderna u ma għandhiex tweġiba għall-ħtieġa ta' kontinwità fl-espressjoni mużikali popolari Maltija għall-massa tas-soċjetà Maltija ta' żmienna. Jidher li l-puriżmu, li fil-qasam lingwistiku Malti issa ngħeleb għalkollox, fil-qasam tal-għanja popolari għadu ħaj sewwa.

2. F'idejn kompożituri u kantawturi tajbin, l-għanja popolari laħqet livelli artistiċi għoljin u ġieli żżewġet ma' testi verament letterarji. Ara, p.eż., ix-xogħlijiet ta' Mikis Theodorakis fil-Greċja, Georges Brassens u Jacques Brel fi Franza, Sergio Endrigo u Angelo Branduardi fl-Italja, u Violeta Parra fiċ-Ċili.

3. Il-frażi "kanzunetta tal-festivals" hawnhekk qed tindika dak it-tip ta' kanzunetta li biha jiżegħdu bosta programmi tax-xandir u festivals kummerċjali, inklużi festivals ta' fama bħal dak tal-Eurovision. Fiha l-kliem u l-mużika huma aktarx ornament manjeristiku mingħajr tiftix ta'

oriġinalità fit-tema u l-espressjoni u wisq drabi l-anqas fil-mużika, għalkemm aktarx titlibbes b'orkestrazzjoni imponenti. It-tema predominanti hija l-imħabba, li hawnhekk issir "soltanto un pretesto, con rime scucite tra 'cuore' e 'dolore'" (G. Musy). Fil-fehma tiegħi, l-eżistenza nnifisha ta' din l-għanja "kitsch", prodott tal-konsumiżmu, hija parti minn kumpless ta' artifiċji li qed jippreżentaw dehra falza ta' l-arti bħala aljenazzjoni oħra, irrelevanti għall-ħajja tagħna. F'dan is-sens hija anti-edukattiva, u nħoss li hu ta' min jiġġildilha, għall-inqas indirettament, billi noffru alternattiva għaliha. Madankollu, dan ma jfissirx li fil-festivals, anke f'dawk kummerċjalizzati, ma jinstabux ukoll xi għanjiet ta' livell artistiku tajjeb.

4. Minħabba l-effett tal-għanja tagħhom fuq il-poplu maħkum, xi kantanti ġieli ma tħallewx ikantaw f'art twelidhom jew saħansitra ġew eżiljati. Hekk ġralhom, ngħidu aħna, Raimon (kantawtur Katalan) fi Spanja u l-grupp Inti Illimani fiċ-Ċili.

5. Meta l-gruppi ta' żgħażagħ Maltin jiltaqgħu ma' gruppi barranin, wisq drabi din ir-realtà toħroġ b'ċarezza li tweġġa'. Waqt li dawn ikollhom repertorju mżewwaq ta' għana, tradizzjonali u mhux, li juri l-ilwien u l-karattru ta' pajjiżhom, bosta drabi tagħna ma jaslux iktar minn taqbiliet kajmana u ritornelli storbjużi bħal "Agħmillu karta"! Esperjenza kerha li għaddejt minnha kemm-il darba.

6. Jekk qatt kien hemm bżonn ta' xhieda għal dan, din tinstab tajjeb ħafna, ngħidu aħna, f'*Id-Djalogi* ta' Ġ.F. Agius de Soldanis, fejn insibu konfront qawwi bejn l-imġieba u d-drawwiet taż-żewġ klassijiet soċjali f'sitwazzjonijiet analogi.

7. Ara: G.P. Badger, *Description of Malta and Gozo,* 1838 (it-taqsima "Music, Poetry and Song", pp. 107-118), u H. Stumme u B. Ilg, *Maltesische Volkslieder,* 1909.

8. Għal għażliet rappreżentattivi ta' għana u taqbil tradizzjonali, ara: H. Stumme u B. Ilg, *Maltesische Volkslieder im Urtext mit Deutscher Ubersetzung,* 1909; B. Koessler-Ilg u Ġ. Cassar Pullicino, "200 Maltese Folk-songs" fil-*Maltese Folklore Review,* vol. I, no. 1 (1962) 8-39; Ġ. Aquilina, *Il-Muża Maltija,* 2ni ed. 1964 (it-taqsima "Qabel il-Letteratura", pp. 1-7). Aqra wkoll il-kitba ta' M.E. Calabritto, "Canti Popolari Maltesi", f'*Lares,* Ott. 1930, jew il-qlib tagħha bil-Malti minn Ġ. Bonnici f'*Leħen il-Malti,* Lul. 1931.

9. Ewlieni fost dawn kien Ġ.A. Vassallo li, konxju mill-faqar tat-tradizzjoni artistika tas-sottokultura Maltija, wasal biex għamel il-kompromess li jikteb "poesie semi-letterarie" f'pubblikazzjonijiet bħal: *Mogħdija taż-Żmien fil-Lsien Malti,* 1843, *Għall-Kitarra, ossia collezione di nuove poesie maltesi sul gusto delle popolari,* 1851, u *Ħrejjef u Ċajt bil-Malti,* 1863. Minn hemm ipprova jgħolli l-livell tat-tradizzjoni b'esperimenti kemm tematiċi (p.eż. billi introduċa d-dimensjoni nazzjonali flok dik interpersonali) u ritmiċi (bl-introduzzjoni ta' għadd ta' varjazzjonijiet fit-tul tal-versi u ta' għamliet ritmiċi ġodda). Ir-rabta bejn l-għanja popolari u l-letteratura Maltija matul iż-żmien hija qasam ieħor li jixraqlu studju għalih.

10. Fis-snin 30, uħud mill-aħjar esponenti tal-għana tradizzjonali, bħal Ġorġ Cremona (il-Joċċ), Ġużeppi Xuereb (ix-Xudi) u Manwel Mercieca (iż-Żemenza), marru Tuneż fejn ir-rekordjaw xi diski bl-għana spirtu pront u tal-fatt.

11. Għal raġunijiet diversi, fosthom dik li ssemmiet fin-Nota 1 hawn fuq, dawn il-pijunieri tal-għanja Maltija għadhom ma ġewx studjati u, fil-każ ta' wħud minnhom, għadu lanqas inġabar ix-xogħol tagħhom li qatt ma ġie rreġistrat f'diska. Ta' min isemmi, ngħidu aħna, lil Carlo Satariano u l-għannej Fredu Spiteri (1929-1965). Fost l-elementi barranin li nsibu mal-għana tradizzjonali nsibu: ir-ritornell, il-kor, it-taħlit ta' varjetà ta' ritmi tal-għana fl-istess kompożizzjoni, l-użi tal-mitkellem bejn u waqt l-istrofi, kif ukoll elementi tal-makkjetta u ta' forom oħra tal-kabarè. Fi Spiteri, artist popolari awtentiku u konxju mill-medju tiegħu, insibu saħansitra l-użu ta' reġistri lingwistiċi differenti għall-iskop tal-karatterizzazzjoni u s-sensil f'għanja waħda ta' idjomi popolari bl-istess tema.

12. Għal-limitazzjoni mużikali tal-għana tradizzjonali tpatti l-ispontanjetà kbira tal-kliem, li, għall-inqas fl-għana "spirtu pront", huwa kollu improvviżat.

13. Ewlieni fost dawn kien il-folklorista Ġużè Cassar Pullicino li, kemm waħdu u kemm fi ħdan il-"Maltese Folklore Society", ħadem kemm felaħ biex it-tradizzjoni mużikali nattiva tibqa' ħajja. Bil-ħila tiegħu, fl-1953 l-għannejja

bdew jiltaqgħu għall-programmi fuq ir-Rediffusion u twaqqaf il-Konkors tal-Għana fil-Buskett, bil-ħsieb li t-tradizzjoni tal-għana, l-istili partikulari tal-għannejja u l-użu ta' l-istrumenti tradizzjonali ma jispiċċawx. Sar ukoll sforz biex din it-tradizzjoni awtentika tiġi ppreżentata lit-turisti bħala parti mill-ġid kulturali ta' dawn il-gżejjer. Minn madwar l-1969 'il quddiem dan ix-xogħol siewi tkompla minn Charles Coleiro.

14. Fis-sittinijiet u s-sebgħinijiet l-għana reġa' għadda minn fażi qasira ta' popolarità meta ġew ippubblikati għadd ta' diski kummerċjali b'temi umoristiċi mikduda, neqsin minn ispirazzjoni ġenwina u batuti mqar fl-interpretazzjoni (p.eż. "Taxi Mary", "Ħoxna għall-forn", "It-tliet għażżenin", "Bejn ġuvni u miżżewweġ"). Sa ftit snin ilu f'Bieb il-Belt kienu għadhom jinbiegħu l-fuljetti b'għanjiet tal-fatt dwar id-delitti li kienu jiġru f'Malta minn żmien għal żmien. L-għana tradizzjonali għadu sal-lum il-medju mużikali ta' saff irqiq tas-soċjetà Maltija li ċ-ċentri l-aktar komuni tiegħu huma xi ħwienet tax-xorb fl-irħula. Kull tant żmien għadhom isiru wkoll serati tal-għana. U fost l-emigranti Maltin tal-klassi tal-ħaddiema, l-għana baqa' jinżamm bħala rabta kulturali mal-gżira tat-twelid. Ara: Ġ. Cassar Pullicino "Is-sehem tal-folklor fl-identità kulturali Maltija" (l-aktar pp. 66-67) u P. Sant Cassia "L-għana: bejn il-folklor u l-ħabi", it-tnejn f'*L-Identità Kulturali ta' Malta* (ed. T. Cortis), Malta 1989.

15. Għall-pubblikazzjoni ta' melodiji tradizzjonali Maltin, isma': Charles Camilleri, *The Music of Malta* u *Malta Suite*. Għal xogħol oriġinali ta' Camilleri b'atmosfera Maltija, isma' *Five Maltese Dances, Three Maltese Miniatures, Rhapsody for Violin and Orchestra* u *Ħemda*. Fil-qasam tal-għanja popolari hija importanti d-diska LP *Għanjiet minn Malta* (1972) bil-kliem ta' Joe Friggieri, li stabbiliet livell u serviet ta' mudell għal awturi/kompożituri oħra.

16. Wieħed mill-iktar esponenti popolari tal-kanzunetta barranija bi kliem Malti kien Gaetano Buttigieg, traduttur u kantant ta' ħafna kanzunetti Taljani u Ingliżi li ppubblika f'għadd ta' kotba żgħar. Il-kontribut ta' persunaġġ bħal Buttigieg ma jinsabx fil-livell artistiku tal-kanzunetti tiegħu imma fis-sehem li kellu biex jippopolarizza l-idea ta' kanzunetta bil-Malti.

17. Is-sehem li kellu l-palk fil-ħolqien ta' idjoma Maltija għall-għanja jista' jkun qasam ieħor ta' studju.

18. Festival organizzat b'serjetà u suċċess kbir miż-Żgħażagħ Ħaddiema Nsara mill-1960 'il quddiem. Fih il-kanzunetti kienu jiġu preżentati bil-Malti, bit-Taljan jew bl-Ingliż. F'dan il-festival importanti trawmu ħafna mill-ewwel awturi/kompożituri tagħna, bħal J.B. Cassar, A.M. Cassola, Carmelo Zammit, Inez Lombardo, Spiro Zammit, Ġorġ Zammit u Joe Vella, li llum huwa wieħed mill-professjonisti ewlenin fil-qasam tal-mużika Maltija.

19. Ewlenin fost dawn il-kittieba nsibu lil George Stevens u Ġorġ Zammit. Uħud mill-kanzunetti ta' din l-għamla kienu: "Xemx jew qamar", "Il-festa tagħna", "Sparaw għall-qamar", "Il-Bieb tal-Bombi", "Il-kaċċatur", "L-għada tal-festa ma' Vitorin".

20. Dan il-moviment minn banda ħajjar il-ġbir tal-għana tradizzjonali tal-poplu ("folk-song") li kien qed jintilef u xandru f'verżjonijiet x'aktarx moderni, mill-banda l-oħra qanqal bosta awturi/kompożituri (bħal Woody Guthrie, Pete Seeger, Bob Dylan, Malvina Reynolds, Donovan, Tom Paxton u Phil Ochs) biex jiktbu għanjiet moderni b'tematika attwali imma b'melodija u stil sempliċi li jfakkru fl-għanjiet tradizzjonali. Ara: *The American Folk Scene: dimensions of the folksong revival*, ed. D.A. DeTurk u A. Poulin Jr., Dell Publishing Co., New York 1967.

21. It-temi ta' l-ewwel kompożituri Maltin ta' din l-iskola aktarx kienu jintrabtu ma' dawk tal-prototipi Amerikani (ara nota 20) u kienu jitkellmu fuq sitwazzjonijiet attwali imma li kienu għadhom mhumiex mgħoddija mill-esperjenza Maltija. Hekk kienu, p.eż. l-ewwel għanjiet ta' Vanni Pulè u Joe Agius.

22. Fost l-awturi/kompożituri li kellhom sehem f'dan il-qawmien, ta' min isemmi lil: Alfred Sant, Paul Caruana, Frank O'Neill, Paul Abela, Raymond Agius, Joe Friggieri, Evarist Bartolo, George Cassola, Joe Tanti, Thérèse Cassar, Albert Friggieri, Walter Micallef, Manwel Mifsud. Ħafna minn dawn ħadmu fi ħdan l-għaqda taż-żgħażagħ "Youth Travel Circle" (Y.T.C.) li sa mill-bidu ħadmet bis-sħiħ u bi pjan konxju b'riżq l-għanja tassew Maltija. Għal 14-il sena (1973-1986) organizzat festival għall-membri tagħha li minnu ħareġ repertorju sabiħ ta' għanjiet Maltin, u fl-1987 waqqfet il-festival

*L-Għanja tal-Poplu.* Fost il-ħafna għanjiet li ħarġu minn din l-iskola, ta' min isemmi: "L-aħħar bidwi f'Wied il-Għasel", "Marija ta' Wied il-Għajn", "Vassalli", "L-għannej", "Għanja lil-Libertà", "Ħondoq ir-Rummien". Dnub li l-biċċa l-kbira ta' dan ix-xogħol ta' livell għadu ma ġiex ippubblikat.

23. Dan il-kontest, organizzat mill-Jove Enterprises tliet darbiet (1973, 1974, 1976), sewa ħafna bħala appuntament importanti għall-awturi/kompożituri ta' din l-għanja l-ġdida.

24. F'dawn is-snin, l-iżvilupp tal-għanja fil-qasam reliġjuż ħa żewġ toroq ewlenin: (i) *l-innu liturġiku,* fejn kien limitat l-aktar għal innijiet Maltin b'mużika ta' għanjiet folk barranin, li ma laħqu bl-ebda mod il-livell ta' l-innijiet tradizzjonali Maltin (ta' Dun Karm, Dun F. Camilleri u J. Friggieri); (ii) *l-għanja morali,* b'kumment oriġinali u attwali mnebbaħ mill-messaġġ Nisrani. F'tat-tieni, fejn sar xogħol iktar interessanti, ta' min isemmi l-għanjiet ta' Fr David Azzopardi, Joe Aquilina u Mario Debono, kif ukoll dawk ippreżentati fil-Festival Reliġjuż organizzat mill-istess "Youth Travel Circle" għal tnax-il darba (1975-1986). Dan huwa qasam ieħor li jixraqlu studju u ppjanar aħjar.

25. *Ikun li trid int* (produzzjoni tal-Y.T.C., 1977), għanja msensla madwar it-tema tat-Triq tas-Salib b'ħafna spunti attwali; xogħol ta' Manwel Mifsud u Thérèse Cassar.

26. Il-kummerċ li ġabu dawn iż-żewġ swieq ġodda qanqal bosta attività mużikali fost awturi/kompożituri, kantanti u gruppi "folk" Maltin (p.eż. The Greenfields, Merħba, Qawsalla, Rainbow u Tony Camilleri). Imma hawn in-natura tas-suq iddettat tip ta' għanja li fiha l-melodija tal-widna u l-interpretazzjoni mirquma x'aktarx isiru iktar importanti mit-tema u l-messaġġ, u li għalhekk ma tibqa' toffri l-ebda kumment attwali jew oriġinali. Prodotti tipiċi huma, p.eż., "Il-Banda ta' Indrì", "Il-karozzin", "Dur mitħna dur".

27. Din il-kontinwità tista' tinstab fil-programm kostruttiv tal-Y.T.C. li baqa' jorganizza festivals u laqgħat ta' kritika, u fix-xogħol ta' xi persunaġġi kemm veterani (bħal A. Sant u J. Friggieri) kif ukoll ġodda, bħal Toni Micallef Grimaud, Vince Fabri u l-grupp "Brown Rice". Fl-1988 dawn ta' l-aħħar ħasdu l-arja mitluqa tat-tmeninijiet bl-għanjiet awtokritiċi tagħhom (xogħol ta' J. Saliba, J. Azzopardi u V. Fabri) mill-programm televiżiv "Aħn'aħna jew m'aħniex?".

28. Ir-riferenza hija għall-opra *Il-Wegħda* (Joe Friggieri u Ch. Camilleri) 1984, l-oratorju *Pawlu ta' Malta* (O. Friggieri u Ch. Camilleri) 1985, il-*Quddiesa Folk Maltija* (O. Friggieri u Ġ. Cardona, bil-mużika tal-għanja tradizzjonali Maltija) 1985, u l-kantata *L-Għanja ta' Malta* (O. Friggieri u Ch. Camilleri) 1989.

29. Ta' min isemmi r-"rock operas": *Ġensna* (R. Mahoney u P. Abela), *Kristu* (J. Tanti), *Żagħżugħ* (J. Naudi), *Ġwanninu* (E. Masini, E. Cordina; S. Attard), *Bastilja* (R. Mahoney u P. Abela).

30. Qed nirreferi għall-abbozz ta' liġi msejjaħ "Att biex isaħħaħ il-qagħda ta' l-Ilsien Malti u l-Identità Nazzjonali Maltija" li, sakemm dan l-artiklu mar għall-istampa, kien għadda mill-ewwel qari fil-Parlament fit-2.10.1989.

31. Il-medda ta' dan l-istudju tista' tinfirex fuq ħafna oqsma bażiċi bħalma huma: it-tradizzjoni tal-mużika popolari Maltija (ritmi, melodija, testi, motivi stilistiċi, strumenti, interpretazzjoni vokali); l-osservazzjoni ta' esperimenti barranin fit-tiġdid tat-tradizzjoni nattiva tagħhom; l-elementi komuni fil-għanja u l-mużika tal-popli tal-Mediterran; l-użu tal-lingwa bħala mezz ta' komunikazzjoni artistika; ir-rabtiet bejn l-għanja u l-letteratura llum; l-għanja u l-pubbliku tagħha; l-għarfien tal-għodod strumentali ta' żmienna; l-għarfien tas-sitwazzjoni diskografika tal-lum, l-aktar f'pajjiżna; sehem ix-Xandir fl-edukazzjoni tal-mases, eċċ.

32. L-awtur ta' dan l-artiklu qed jiġbor kulma jinħtieġ biex tintiseġ kif jixraq l-istorja tal-għanja Maltija mill-bidu tagħha sal-lum. Għalhekk qed jitlob lil kull min għandu xi materjal jew tagħrif li jixtieq jikkomunikah, biex igħaddihulu.

*　*　*

# Fid-Diq...

*Joseph Galea*

Fid-diq ta' dak il-lejl
    żammejna id xulxin
    fis-skiet...

u fina, bħal tapit,
    infirxet lejla kwiekeb
    jilagħbu mas-smewwiet.

# Eku

*Sandra Vassallo*

Quddiem fjamma titriegħed fil-lampa,
    Jiena qiegħda niċċassa fix-xej',
    Dawl safrani rifless ta' l-imgħoddi,
    Ħsibijieti jinġabru bil-lej'.

Il-ftit dawl illi ħiereġ jitliegħeb
    Kollox jidher midfun f'dellijiet,
    U fis-satra tad-dalma fiddiena
    Ġeġwiġija jitqanqlu x-xewqiet.

Għaliex qabel ma l-għajnejn jingħalqu
    Malli l-kesħa tinfirex ftit ftit,
    F'dik il-ħemda sewdiena li ssaltan
    Ħsibijieti jittajru fis fik...

Għaliex kollox qed jidher bħal f'ħolma
    Forsi l-eku qadim isaħħarni
    It-tgedwid ta' kuruna rużarju
    Fin-nanniet u fl-imgħoddi jfakkarni.

Forsi għax f'dawk is-snin, Poeżija,
    Int kont timraħ bil-ħlejju kuljum
    U tixxettel f'qasrija fis-setaħ
    Donnok għanja li tidwi u ddum.

Iżda r-ritmu ta' trajbu bizzilla
    Bħal qtar jaqa' ġo ġarra fuħħâr,
    Għadhom jidhru... sa tibqa' l-imħabba
    Tfakkar f'għada w fiż-żmien li ġà tar.

# IR-RUMANZ MALTI TA' ŻMIENNA: L-IDENTITÀ TA' L-ANTI-EROJ

Stephen Bonanno

It-tendenza lejn nofs u tmiem is-seklu l-ieħor kienet li tingħata aktar importanza lill-individwu milli lill-kotra. Dan tixhdu tajjeb il-filosofija Eżistenzjalista, li bil-maqlub ta' dik Idealista, issa l-lenti li minnha jħares il-filosfu bdiet tiffoka fuq l-individwu, u mhux fuq il-kotra. Anki f'oqsma oħra tal-kultura bdiet tinħass din il-bidla – mat-twaqqif tas-Soċjetà Teosofika fl-Istati Uniti fl-1875, din il-bidla ta' fehma ħadet spinta aktar 'il quddiem, u għalhekk din is-soċjetà għenet biex isir dan l-iżvilupp importanti li kellu jħalli influwenza kbira fuq is-soċjetà. Max Stirner, fix-xogħol tiegħu "Der Einzige und sein Eigentum" (L-Individwu u l-proprjetà tiegħu) ħareġ bl-idea li l-individwu f'soċjetà magħluqa għandu l-forza meħtieġa li jikkumbatti l-problemi li jifilġuh.

L-influwenza fuq il-letteratura hi ċara: filwaqt li fir-rumanz tradizzjonali l-enfażi kien fuq is-sagrifikazzjoni ta' l-individwu (l-eroj) għall-kotra, issa l-awturi ta' l-era moderna, persważi mis-saħħa ta' l-individwu, tellgħu fil-wiċċ lill-individwu u warrbu fil-ġenb il-kotra. Anki r-rumanz Malti ġie influwenzat minn din ir-rivoluzzjoni. Fejn qabel ir-rumanz kien ikkaratterizzat minn serbut ta' karattri, l-awtur Malti ġdid iddeċieda li jkun biżżejjed li l-"plot" jitfassal fuq karattru wieħed (u għalhekk, bil-kuntrarju għar-rumanz tradizzjonali, il-kotra ġiet issagrifikata għall-individwu). L-anti-eroj Malti huwa wkoll dixxendent ta' dak Ewropew: l-individwu li peress li jħossu differenti minn u kuntrarju għall-bqija tas-soċjetà jiddeċiedi li jingħalaq fih innifsu u jhejji għat-tiftixa solitarja (jew kważi) tal-Verità.

Il-biża' tal-barrani hi li din id-dinja ma nħolqitx biex tilqa' l-bżonnijiet ta' l-ispirtu uman. Għalhekk għalih il-ħajja kif sabha hi bla valuri, żifna bla sens, logħba li r-regoli li fuqhom tintlagħab ma jinftehmux. L-isfida li jagħmlilna Schopenhauer fil-filosofija tiegħu tibqa' tidwi f'widnejn il-barrani: "Nothing can, in fact, be given as the end of our existence but the knowledge that we had better not be"; x'jissuġġerixxi l-filosfu huwa ċar ħafna: ġaladarba l-ħajja hi bla sens, ir-rieda ta' l-individwu li jgħix trid tiġi miċħuda. Kull raġel u mara jħossu dawn l-impulsi, iżda jagħrfu li jagħtu dehra aktar ċivilizzata u razzjonali lil xi ħaġa li hija intrinsikament selvaġġa, diżorganizzata u irrazzjonali, permezz tal-filosofija u r-reliġjon. Iżda l-barrani jrid jikseb il-verità, u akkost ta' kollox. Anki jekk m'hemmx lok għat-tama, il-verità trid tingħad.

Nietzsche ried li joħroġ lill-bniedem minn dan l-isqaq ta' dagħbien fejn tefgħu Schopenhauer. Għalhekk ried l-ewwelnett jikkumbatti l-"Le" għall-ħajja, u sostna li l-bniedem għandu jaċċettaha, anzi jieħu kemm jista' jkun minnha. Iżda biex jagħmel dan ried li jsib soluzzjoni għan-Niħiliżmu Schopenhauerjan: l-ewwel pass hu li jibni valuri ġodda, li l-"Obermann" kellu jimxi fuqhom. It-triq hija twila u iebsa, u f'Zarathustra jqabbilha max-xogħol iebes li għandu "tight-rope walker": "Man is a

rope, fastened between animal and Superman – a rope over an abyss. A dangerous going-across, a dangerous wayfaring, a dangerous lookingback, a dangerous shuddering and staying-still". Ma' l-iċken żball li tieħu taqa' minn fuq il-ħabel u ssib ruħek fl-irdum. Il-barrani wkoll iddeċieda li jiċħad il-"Le" Schopenhauerjana, u jieħu t-triq ta' Nietzsche. Colin Wilson iwissi dwar is-sogru li l-individwu jieħu meta jaqbad din it-triq: "Unless he can evolve a set of values that will correspond to his own higher intensity of purpose, he may as well throw himself under a bus, for he will always be an outcast and a misfit."

Għall-anqas l-alternattiva ta' Nietzsche tagħti lill-barrani skop għalfejn għandu jgħix (Colin Wilson jaqbel ma' dan, u jgħid li "... once this purpose is found, the difficulties are half over").

Dr. Rieux f'*La Peste* ta' Camus, Rocquentin f'*Nausea* ta' Sartre, K. f'*The Trial* ta' Kafta, Fredu Gambin f'*Il-Gaġġa* u Samwel f'*Samuraj* ta' Sammut u Baruk f'*L-Istramb* ta' Friggieri kollha jagħmlu ħilithom biex jeħduha kontra l-valuri mħaddna mill-kotra tas-soċjetà, u jfittxu li minn dan il-kaos isawru l-valuri l-ġodda li jridu jħaddnu, opposti għal tal-kotra. Ir-rumanzi jagħrfu jistudjaw u janalizzaw din il-ġlieda interna ta' l-individwu, waħdu u kontra l-bqija tas-soċjetà.

Il-barrani, bħala karattru, huwa stramb (meta tqabblu, għall-anqas, mal-bqija tas-soċjetà) u introvert. Fredu Gambin isibha bi tqila li joħroġ fil-beraħ, li jikkomunika mal-bqija tas-soċjetà. Iżda meta jirnexxilu jagħmel dan, qatt ma jikkomunika mal-bqija, għax donnu hu jitkellem b'lingwa barranija. Ipprova jinfiltra fil-klabb psewdo-teatrali tal-kappillan tar-raħal, iżda ma nftiehemx. Għax għall-kappillan, xi dramm bħal "The Orchard" ta' Chekov, li Fredu ried li jinħadem fuq il-palk, kien biss ħela ta' ħin.

Baruk ukoll ipprova jikkomunika – biex permezz ta' dik il-komunikazzjoni jifforma l-valuri l-ġodda (wara li jkun għadda mill-għarbiel il-valuri ta' l-oħrajn). Għall-ewwel, meta kien fl-Università, dan ipprova jfittxu fil-Professur li kien igħallmu l-Filosofija, li Baruk kien jidolizza. Iżda bla mistenni, jisma' bl-aħbar tal-mewt tal-Professur – aħbar li tolqtu fil-laħam il-ħaj; it-torri ta' l-avorju li kien irnexxielu jibni, issa ġġarraflu u spiċċa fix-xejn. Lanqas tad-dar ma kienu jifhmuh, kien "stramb" għalihom – il-bniedem għandu xeħta li lil min ma jifhimx, u jarah differenti minnu, itih it-tikketta ta' "stramb". Bħal fil-każ ta' l-eroj f'*The Country of the Blind* ta' H.G. Wells: in-nies jakkużawh li hu marid u nevrotiku, u hu jwieġeb "In the country of the blind, the one-eyed man is king." Il-barrani jaf li hu marid, iżda jaf ukoll li hu qed igħix f'soċjetà marida, iżda li min-naħa tagħha dan ma tafux.

Għax il-barrani għandu l-fakultà, kif jiddeskrivi Henri Barbusse f'*L'Enfin,* li jara aktar fil-fond mill-oħrajn ("he can see deeper into things"). Din l-introspezzjoni tgħinu biex jikxef il-valuri foloz ta' l-oħrajn: "Kien il-Ħadd fil-għodu u fuq kull naħa tat-triq li tieħu mill-knisja għaċ-ċimiterju n-nies kienet miġbura biex tara l-banda għaddejja. Mid-dehra ta' wiċċhom kienu qishom insew iż-żufjett li kienu jagħmlu bih meta kien għadu jdur fosthom, fuq riġlejh, jixxengel 'l hawn u 'l hinn, b'sakra fuqu ma jarax art". *(Il-Gaġġa).*

Il-kotra ta' l-individwi fis-soċjetà ma jagħmlux dan – anzi jilqgħu l-valuri tradizzjonali (li għall-barrani huma ħafna drabi anti-kulturali). Anzi, min jipprova

jiddevja minnhom, jikser il-liġi morali u soċjali. Hekk ġralhom individwi bħal Fredu, Baruk u Samwel. Minħabba li għandhom il-fakultà li jaraw fil-fond fl-affarijiet, skoprew li s-soċjetà Maltija li kienu qegħdin igħixu fiha hi miżgħuda b'valuri foloz u dekadenti għax spiċċa żmienhom. Għalhekk jeħduha bl-ikreh kontra l-istituzzjoni tradizzjonali, individwalizzata permezz tal-kappillan, il-każin tar-raħal u l-familja tradizzjonali.

Wara li ma jirnexxilhomx jiftħu komunikazzjoni mal-bqija, jingħalqu fihom infushom. Meta jitkellmu aktar jinqdew bil-monologu. Ftit huma l-mumenti fir-rumanz fejn il-barrani jiftaħ diskussjoni ma' nies oħra. Dan jipprova jagħmlu biss ma' dawk l-oġġetti (nies jew annimali) li jkun irid jinkludi fid-dinja l-ġdida li jrid jibni. F'*Samuraj* Samwel barra l-monologi, jitkellem mal-Poeta (il-parti l-oħra ta' l-anti-eroj, għax Poeta+Samwel=Sammut), ma' l-għarusa tiegħu, u mal-qattusa. Dawn il-karattri huma inklużi fid-dinja tas-Samuraj għax barra (skond hu) li huma jifhmuh, huma wkoll imsoffija mit-tebgħa li tkerrah lill-bqija tas-soċjetà: "Dar-razzett u dar-raba' nagħmilhom Ġenna ta' l-Art, u niġu ngħixu fih int u jien." *(Samuraj).*

L-anti-eroj m'għandux biss il-ġlieda mal-bqija tas-soċjetà: il-konflitt qiegħed ukoll fih innifsu, miegħu stess. Il-kritiċi tal-letteratura moderna jiddeskrivu dan, fit-termini ta' Nietzsche, bħala l-"Janus-faced Novel"; l-ambigwità tal-karattru li għandu wiċċ iħares lejn naħa, u wiċċ ieħor li qiegħed iħares f'pożizzjoni l-kuntrarju ta' l-oħra. Baruk jipprova jfittex il-valuri l-ġodda fis-Seminarju, bħala Seminarista. Hawn jibdew jiġuh ħafna konflitti, bir-riżultat li filli f'mument ikun qed jaħseb favur ħaġa, filli f'mument ieħor jaħseb bil-kuntrarju ta' qabel. Forsi l-qofol ta' dan il-konflitt jinsab fil-versi li ġejjin: "Baruk qabad id-djarju u kiteb f'paġna oħra, 'il bogħod minn fejn ħażżeż il-ħsibijiet tal-priedka: 'Il-liġi hi kontra n-natura. Mela Alla kontra n-natura? U n-natura hi Alla. Mela Alla kontra Alla? Jekk Alla jridna nsiru nafuh bis-saħħa ta' dak li nemmnu li hu nnifsu tana, l-ewwel pass tagħna lejh hu l-aċċettazzjoni ta' dak li aħna, għax aħna li aħna bis-saħħa tiegħu'." *(L-Istramb).*

Anki Samwel, li jkun qiegħed jitbiegħed mill-valuri Kattoliċi, jiġuh mumenti fejn jibża' mill-kastig t'Alla. Dan il-konflitt kontinwu ġewwa fih, però, ikompli ħafna drabi jsaħħu fit-tiftixa tiegħu għall-valuri l-ġodda (l-istess bħall-barranin l-oħra).

Colin Wilson iwissina li ladarba l-"outsider" ma jirnexxilux jilħaq l-ideali tiegħu, "he can jump straight into a bus". Fil-*Gaġġa* Frans Sammut jispiċċa b'ċertu ottimiżmu, għax ma jagħtix ħjiel dwar kif seta' spiċċa Fredu Gambin fl-art barranija. Seta' sab l-istat li pprova jilħaq, iżda seta' sab ukoll ambjent dekadenti ieħor. Jekk tieħu *Samuraj* bħala kontinwazzjoni tal-*Gaġġa,* l-istampa tkun differenti għal kollox.

Baruk u Samwel it-tnejn jaqtgħu qalbhom li qatt jistgħu jibnu dinja b'valuri ġodda. It-tentattiv ta' Baruk li jsib is-serħan fis-Seminarju spiċċalu fix-xejn, għax intebaħ li l-bqija kienu differenti ħafna minnu, u ma setax isib postu; "Kemm kienu preċiżi, u kemm kien stramb Alla tagħhom. Għalhekk, id-disperazzjoni: "Moħbi taħt il-kutri, seħet il-ħolm, il-vokazzjoni, il-kliem sabiħ tas-superjuri, il-klikek kuntenti u d-daħk biered ta' sħabu, u 'l ommu u 'l missieru, il-karattru tiegħu, lilu nnifsu minn fuq s'isfel." *(L-Istramb).*

L-aħħar attentat taż-żewġ barranin hu li wieħed ikollu relazzjoni sesswali ma' prostituta, u l-ieħor jirtira kompletament fir-razzett. Id-daqqa ta' ħarta għal Baruk tiġi meta jiskopri l-artifiċjalità min-naħa tagħha, minkejja l-imħabba sinċiera li offrielha hu: "Ma kienx hemm għalfejn jerġa' jsemmi l-imħabba. Baxxa rasu u ħareġ 'il barra". (*L-Istramb* – Kap 15). Id-daqqa ta' ħarta għal Samwel kienet meta anki l-maħbuba tiegħu, imbuttata mill-bqija tas-soċjetà, m'aċċettatx il-valuri l-ġodda tas-Samuraj; hi riedet tarbija minn għandu imma hu ma setax. L-att finali jseħħ meta d-dinja tiegħu tiġi invaduta mill-"Bhejjem moqżieża" (il-pulizija, il-kappillan u t-tabib).

Is-suwiċidju kellu jkun l-att finali. Minkejja l-"Iva" għall-ħajja ta' Nietzsche, id-dagħbien fl-istat ta' dlam li fih poġġieh Schopenhauer hu kbir wisq għall-barrani Malti. Fil-każ tas-Samuraj iseħħ permezz ta' ritwal; l-ewwel jaħraq ir-remissa, imbagħad iniżżel b'saħħtu kollha fuq ġismu x-xafra għal diversi drabi. Dan ifisser li s-Samuraj ipprefera li joqtol lilu nnifsu milli jċedi għall-ideali tiegħu (karatteristika tas-Samuraj Ġappuniż) – rebħa morali aktar milli disfatta personali. Fil-każ ta' Baruk, dan ukoll ittanta jikkommetti suwiċidju, iżda ma rnexxilux.

**Biblijografija**

*Thus spoke Zarathustra;* F. Nietzsche, Penguin Books, 1985
*Samuraj;* Frans Sammut, K.K.M., 1975
*Il-Gaġġa;* Frans Sammut, Lux Press, 1971
*L-Istramb;* Oliver Friggieri, Gulf Publ., 1980
*The Outsider;* Colin Wilson, Picador, 1978
*The Ironic Vision in Modern Literature;* C.I. Glicksberg, Martinus Nijhoff, The Hague, 1969
*Modernism;* M. Bradbury, J. McFarlane (ed.), Pelican Books, 1983.

* * *

# Lill-Baħar li Jsejjaħli Mdejjaq

*Charles Dalli*

Meta s-sikta mejta tal-lejl tħeddillek mewġek
u xtutek jonogħsu lluppjati
staqsini x'jisimni
u ngħidlek jien tajra bla sema,
nixxiegħa tiżżerżaq batuta ma' sidrek.

Kantali l-kantilena li kantajtli darba
lewn l-irwiefen tad-deżert,
u l-maltemp fuq din ix-xtajta ma jżernaqx,
u t-tnehid tal-qamar ma nisimgħux,
u s-sikta magħdura tal-lejl ma tifgalix
dil-ġamra ta' diqa f'ruħi.

# Osservazzjoni f'Xatt il-Baħar

*Marco Galea*

Il-baħar sħun u jinten
jien waħdi fuq ix-xatt
il-baħar mewwet kollox
lilek ma narak qatt

il-baħar qed iċafċaf
mewġa mewġa mal-blat
qed jidfen kull ħoss ieħor
għalija qisu swat

das-sajf jeħtieġ jispiċċa
biex tidħol il-ħarifa
li ntemmu hawn, kif bdejtu
m'hijiex ħaġa ħafifa.

# Jum il-Mistrieħ

*Tony Sammut*

Int,
li f'qalbek iżżomm il-mafkar ta' ħajtek
u trossu ma' sidrek fiż-żiffa tar-riħ;
mitlufa tkun ħajtek ġo baħar imqalleb
li jibqa' jqallibha sa jum il-mistrieħ.
'Ma f'jum il-mistrieħ titbissimlek
u tfakkrek fl-uġigħ li batiet.
Titolbok tittallab għal ruħha,
għall-kwiet li tant ilha tixtieq.
Biex issa tinsab ġewwa qabar
tiċċelebra jum il-mistrieħ!




Ilkoll kemm aħna xi darba jew oħra xtaqna nixtru xi ħaġa fil-pront u sibna li ma kellniex flus biżżejjed fuqna.

Meta tiftah kont kurrenti mal-Mid-Med Bank tkun tista' tħallas l-ispejjeż kollha b'ċekk. B'hekk filwaqt li tiffranka l-ħin u l-inkonvenjenza, tkun taf fejn int fi flusek.

Staqsi sabiex tiftah kont kurrenti f'waħda mill-44 fergħa tal-Bank f'Malta jew Għawdex.

Mid-Med Bank
L-Akbar Bank f'Malta